

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Frar 2012

dwar ir-rikonoxximent tal-Gana skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 616)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/75/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba ta' Ċipru tat-13 ta' Mejju 2005,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2008/106/KE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw iċ-ċertifikati xierqa tal-baħħara li jkunu nħarġu minn pajjiżi terzi, sakemm il-pajjiżi terzi ikkonċernat ikun rikonoxxut mill-Kummissjoni. Dawk il-pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) dwar Standards ta' Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, 1978 (il-Konvenzjoni STCW)⁽²⁾, kif ġiet riveduta fl-1995.
- (2) It-talba għar-rikonoxximent tal-Gana ġiet sottomessa minn Ċipru permezz tal-ittra tat-13 ta' Mejju 2005. Wara din it-talba, il-Kummissjoni vvalutat is-sistema tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni fil-Gana sabiex tivverifika jekk il-Gana hix konformi mar-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW u jekk ittiħdux il-miżuri xierqa biex tiġi evitata l-frodi fil-ħruġ taċ-ċertifikati. Dik il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq ir-riżultati ta' spezzjoni mwettqa mill-esperti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima f'Diċembru tal-2009. Matul dik l-ispezzjoni, ġew identifikati ċerti nuqqasijiet fis-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni pprovdiet rapport dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni lill-Istati Membri.
- (4) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni talbet lill-Gana biex ttipprovi provi li juru li n-nuqqasijiet li kienu identifikati ġew ikkoreġuti.
- (5) Permezz tal-ittra tal-21 ta' Frar 2011, il-Gana pprovdiet l-informazzjoni mitluba u l-provi dwar l-implimentazzjoni

tal-azzjoni korrettiva xierqa u suffiċjenti biex jiġu indirizzati ħafna min-nuqqasijiet identifikati matul il-valutazzjoni ta' konformità.

- (6) Jibqgħu żewġ nuqqasijiet L-ewwel jirreferi għall-fatt li l-Gana ma tiżgurax fis-sħiħ li servizz tal-baħar imwettaq fil-flotta jew fuq vapuri pilota huwa filfatt rilevati għall-kompetenzi meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni. L-ieħor jitratta n-nuqqasijiet ta' taħriġ għat-tifi tan-nar u t-tagħmir ta' istituzzjoni għat-taħriġ marittimu. Għalhekk, il-Gana ġiet mistiedna timplimenta aktar azzjonijiet korrettivi b'rabta ma' dan. Madankollu, dawn in-nuqqasijiet ma jwasslux biex iqajmu dubji dwar il-livell ġenerali ta' konformità tal-Gana mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.
- (7) Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-konformità u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Gana juri li l-Gana tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-Konvenzjoni STCW, filwaqt li dan il-pajjiż ħa miżuri xierqa biex jevita l-frodi fil-ħruġ taċ-ċertifikati.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/106/KE, il-Gana hija rikonoxxuta f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi President

(¹) ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33.

(²) Adottata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.